# GĦASSA BIEX MA NIDDAKKRUX

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Għerf.**
**Għerf 18, 6-9**

Dak il-lejl kien imħabbar minn qabel lil missirijietna ħalli jkollhom biex jifirħu u jserrħu rashom għal kollox mill-ħalfiet li fihom kienu emmnu. Il-poplu tiegħek stenna l-ħelsien tal-ġusti u l-qerda ta' l-għedewwa tagħhom, għax bħalma int ikkastigajt l-għedewwa tagħna, hekk sejjaħt lilna miegħek u sebbaħtna.
U l-ulied twajba tal-ġusti offrew sagrifiċċju bil-moħbi, waqt li lkoll qalb waħda qagħdu għal-liġi ta' Alla, biex il-qaddisin jaqsmu xorta bejniethom sew barka u sew tiġrib; u għalhekk sa minn dak iż-żmien bdew igħannu t-tifħir tal-missirijiet.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 32**
**Imbierek il-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu.**

Għannu bil-ferħ, o ġusti, lill-Mulej;
lin-nies sewwa tixraq il-foħrija.
Imbierek il-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu,
il-poplu li hu għażel b'wirtu.

**R/. Imbierek il-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu.**

Araw, għajnejn il-Mulej fuq dawk li jibżgħu minnu,
fuq dawk li jittamaw fit-tjieba tiegħu,
biex jeħilsilhom mill-mewt ħajjithom,
u jħallihom igħixu fi żmien il-ġuħ.

**R/. Imbierek il-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu.**

Ruħna tixxennaq għall-Mulej,
Hu l-għajnuna u t-tarka tagħna.
Ħa tkun it-tjieba tiegħek fuqna, Mulej,
kif fik hi t-tama tagħna.

**R/. Imbierek il-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu.**

**IT-TIENI QARI**
**(Is-silta bejn il-parentesi tista' ma tinqarax.)**
**Qari mill-Ittra lil-Lhud**
**Lhud 11, 1-2, 8-19**

Ħuti: Il-fidi hija l-pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma jidhrux; ix-xjuħ ta' l-imgħoddi għoġbu lil Alla sewwa sew għax kellhom il-fidi.
Kienet il-fidi li ġiegħlet lil Abraham jobdi għas-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex

imur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn sejjer. Kienet il-fidi li ġegħlitu jgħammar fl-art imwiegħda, qisu għarib f'art barranija, u jgħix taħt it-tined flimkien ma' Isakk u Ġakob, u li kienu werrieta miegħu ta' l-istess wegħda; għax hu kien iħares il-quddiem, lejn il-belt mibnija fis-sod, li l-imgħallem u l-bennej tagħha hu Alla.
Kienet ukoll il-fidi li biha Sara setgħet issir omm, għalkemm kienet imdaħħla fiż-żmien, għax hija għarfet li ta' kelmtu huwa dak li kien għamel il-wegħda. Kien għalhekk li minn bniedem wieħed - u dan kważi mejjet - twieldu wlied bil-kotra daqs il-kwiekeb tas-sema u daqs ir-ramel ta' xatt il-baħar li ħadd ma jista' jgħoddu.
(Kollha bil-fidi mietu dawn in-nies. Kienu għadhom ma ħadux dak li kien imwiegħed, iżda huma rawh mill-bogħod u sellmulu, waqt li għarfu li huma kienu barranin u għorba fuq l-art. Tabilħaqq, dawk li jitkellmu b'dan il-mod juru ċar li huma qegħdin ifittxu pajjiż għalihom. Li kieku kellhom fi ħsiebhom il-pajjiż li minnu kienu ħarġu, kellhom żmien biżżejjed biex setgħu jerġgħu lura fih. Imma issa huma jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri dak ta-sema. Huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hu ħejja belt għalihom,
Kienet il-fidi li ġiegħlet li Abraham joffri 'l Iżakk, meta Alla ġarrbu, u lil ibnu l-waħdieni kien se joffrih sewwa sew dak li kien ħa wegħdiet li lilu Alla kien qal, 'Minn Iżakk int għad ikollok nislek'. Huwa fehem li Alla kellu s-setgħa mqar li jqajjem mill-mewt; u, fis-sens ta' tixbiha, ħadu tabilħaqq lura mill-mewt.)

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**
Jiena hu t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja, igħid il-Mulej;
ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**(Is-silta bejn il-parentesi jistgħu ma jinqarawx.)**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 12, 32-48**

F'dak Iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu:
(Le, merħla ċkejkna, tibżgħu xejn, għax Missierkom ġa qatagħha li jagħtikom is-Saltna. Bigħu ġidkom u agħtu karita' u għalikom infuskom ħasslu boroż li ma jitmermrux, teżor fis-sema fejn ma jiġix nieqes, fejn la ħalliel ma jersaq u anqas kamla ma tħassar. Għax fejn hemm it-teżor tagħkom, hemm tinsab qalbkom ukoll.)
Żommu ġenbejkom imħażżmin u l-imsiebaħ tagħkom mixgħula; kunu bħal nies li qegħdin jistennew 'il sidhom lura mill-festa tat-tieġ, biex malli jiġi u jħabbat jiftħulu minnufih. Ħenjin dawk il-qaddejja li sidhom, meta jiġi, isibhom jishru! Tassew, ngħidilkom, li jitħażżem, iqegħedhom fuq il-mejda, u jgħaddi quddiemhom iservihom. Jekk jiġi fit-tieni sahra, jew jekk jiġi fit-tielet, u jsib l-istess, ħenjin huma! Kunu afu dan, li jekk sid id-dar kellu jsir jaf x'ħin għandu jiġi l-ħalliel, ma kienx se jħallih jidħollu ġo daru. Kunu intom ukoll imħejjija, għax Bin il-Bniedem fis-siegħa li ma tobsrux għad jiġi!''
("Mulej,'' qallu Pietru, "din il-parabbola qiegħed tgħidha għalina, jew għal kulħadd?'' Wieġbu l-Mulej; "Min hu mela l-qaddej fidil u għaqli li s-sid iqiegħdu fuq

in-nies tad-dar biex jagħtihom sehemhom f'ħin l-ikel? Ħieni dak il-qaddej li sidu jiġi u jsibu jagħmel dan. Ngħidilkom is-sewwa, li jqiegħdu fuq ġidu kollu. Imma jekk dak il-qaddej jibda jgħid f'qalbu, 'Sidi jiddawwar ma jiġi,' u jaqbad isawwat l-irġiel u n-nisa tas-servizz tad-dar, u jiekol u jagħtiha għax-xorb u s-sokor, sid dak il-qaddej jasal f'jum meta ma jkunx jistennieh, f'siegħa li fiha jieħdu għal għarrieda, u jagħmlu bċejjeċ u jagħtih xortih man-nies li m'humiex fidili. U dak il-qaddej li jkun jaf sidu xi jrid, u madankollu ma jhejjix, jew ma jagħmilx li jrid sidu, swat kbir jaqla'. Min imbagħad, bla ma jkun jaf xi jrid sidu, jagħmel xi ħaġa li jkun ħaqqha s-swat, dan ftit jissawwat. Għax jekk tawk ħafna, ifittxu li jieħdu ħafna minn għandek; u jekk ħallewlek ħafna ħwejjeġ taħt idejk, iżjed jippretendu minn għandek.'')

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu**